# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 154/22TA**

**Online Amusement Solutions Limited (C 53765)**

**vs**

**i. Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja**

**ii. L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Online Amusement Solutions Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tal-15 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

**I. "<u>INTRODUZZJONI</u>**

1. ILLI, permezz ta' avviż, *ossia* ittra datata erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (14.01.2022), notifikata lill-kumpanija rikorrenti dak inhar stess, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja ("il-

Korp intimat") ikkomunika d-deċiżjoni li kien ħa sabiex jimponi piena, identifikata minnu bħala waħda 'amministrattiva' (*"total administrative penalty"*), fuq il-kumpanija rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tliet mija u sitta u tmemin elf u ħames mija u sebgħa u sittin Euro (€ 386,567.00), u dan wara li allegatament instabu numru ta' nuqqasijiet fl-operat tagħha **('Dok. OASL 1')**.

2. ILLI din il-piena ġiet imposta mill-Korp intimat b'konsegwenza ta' dak ipprovdut, *inter alia*, fl-Artikolu 13 tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u tar-Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01).

3. ILLI, minn qari tal-imsemmija ittra datata erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (14.01.2022), jirriżulta li din il-'piena amministrattiva' ġiet imposta b'konsegwenza tal-allegat ksur ta' numru ta' Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), kif ukoll tal-ksur tal-*Implementing Procedures* redatti u fformulati mill-Korp Intimat stess *ai termini* tal-istess Regolamenti.

4. ILLI l-kumpanija rikorrenti ħassitha aggravata bil-piena inflitta fuqha u, għalhekk, interponiet appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili *ai termini* tal-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat minnha nhar it-tlieta ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (03.02.2022) fl-ismijiet *Online Amusement Solutions Limited -vs- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja* (Appell Ċivili Nru. 7/2022) **('Dok. OASL 2')**.

5. ILLI fl-imsemmi Rikors tal-Appell, il-kumpanija rikorrenti ddikjarat li *"[d]an l-appell qieghed isir strettament fil-qafas ristrett li huwa preskritt mill-ligi applikabbli, u ghalhekk huwa totalment minghajr pregudizzju ghad-dritt li ghandha l-appellanti li tintavola proceduri separati sabiex tissalvagwardja d-drittijiet fondamentali taghha, ossia d-drittijiet naxxenti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, inter alia ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll ai termini tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni*".

6. ILLI permezz ta' digriet datat tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (08.02.2022), l-Onorabbli Qorti tal-Appell appuntat is-smiegħ tal-proċeduri quddiemha <u>sabiex issir it-trattazzjoni waqt l-ewwel udjenza skedata għal nhar is-sittax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (16.03.2022)</u> **('Dok. OASL 3')**.

7. ILLI permezz tal-istess digriet datat tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (08.02.2022), l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat lill-Korp intimat sabiex, *entro* perjodu ta' ġimgħa, tippreżenta:

   (i) kopja tal-*policy guidelines* li qegħdin jiġu segwiti mill-FIAU fl-applikazzjoni ta' pieni amministrattivi; u

   (ii) lista tal-każijiet mingħajr l-ismijiet tas-*subject persons,* minn mindu ġiet imwaqqfa l-FIAU li ġew imposti fuqhom pieni

amministrattivi, bid-data ta' kull deċiżjoni, l-*outline* tal-infrazzjoni jew infrazzjonijiet, bid-data ta' meta ġiet senjalata l-infrazzjoni għall-ewwel darba, u l-*quantum* tal-piena f'kull każ.

8. ILLI din id-dokumentazzjoni ġiet ippreżentata mill-Korp intimat, u kopja tagħha tinsab fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti.

9. ILLI, lil hinn u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe stħarriġ relatat mal-mertu tal-allegati vjolazzjonijiet in kwistjoni *entro* l-parametri u l-qafas tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpanija rikorrenti hija tal-fehma umli li numru ta' dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* l-**Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-istess Att Kontra *Money Laundering*, kif ukoll ir-Regolament 21 ta-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01)**, fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu u/jew se jsarrfu, f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha li tingħata **smiegħ xieraq *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali**, kif ukoll f'leżjoni tad-dritt fondamentali li tiġi pprovduta b'rimedju effettiv *ai termini* tal-**Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni Ewropea**. Il-kumpanija rikorrenti hija wkoll tal-fehma umli li l-piena imposta fuq il-kumpanija rikorrenti ma ssibx bażi fil-liġi u/jew ma ġietx imposta b'konsegwenza ta' dispożizzjoni ta' natura legali li toffri s-salvagwardji ta' 'liġi' vera u proprja , u dan bi vjolazzjoni tal-prinċipju *nullum crimen nulla poena sine lege* u bi ksur tal-**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni**.

10. ILLI, għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qiegħdha tressaq dan ir-rikors sabiex tingħata rimedju effettiv *ai termini* tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

## II. <u>IL-VJOLAZZJONIJIET LAMENTATI</u>

11. ILLI r-Regolament 21(3) tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01) jipprovdi li "*Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti, sew bħala piena fissa ta' darba jew bħala kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien, u għandhom jiġu imposti skond il-policies u proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi msemmi fl-Att, li għandhom jiżguraw l-impożizzjoni ta' pieni amministrattivi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*"

12. ILLI l-Artikolu 13(1)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li dawn il-'pieni amministrattivi' imposti fuq persuni suġġetti*"m'għandhomx ikunu iżjed minn: (i) ħames miljun euro*

*(€5,000,000); jew (ii) darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksuv mill-kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris, meta dan ikun jistà jiġi stabbilit; jew (iii) għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kif joħriġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji approvato u disponibbli l-aktar reċenti".*

13. ILLI l-Artikolu 13B(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li meta jsir appell minn 'piena amministrattiva' "*u dik il-piena tiġi sussegwentement ikkonfermata fl-intier tagħha jew f'parti minnha, il-piena amministrattiva tkun tistà tiġi infurzata" ai termini* tas-subartikolu (1) tal-istess Arikolu, *ossia* bħala "*dejn ċivili"* in virtù ta' "*titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili."*

14. ILLI, nonostante l-ikklassifikar ta' dawn il-pieni bħala 'amministrattivi' taħt il-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi rrielvat li din in-nomenkaltura tistona u tikkuntrasta mas-severità u mal-effetti tal-piena attwalment imposta fuq il-kumpanija rikorrenti, u dan anke tenut kont tal-ammont massimu li l-Korp intimat huwa intitolat li jimponi *ai termini* tal-Artikolu 13(1)(b) tal-istess Kapitolu tal-Liġi. Għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti hija tal-fehma umli li l-proċeduri istitwiti mill-Korp intimat *ai termini* Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fil-verità, għandhom min-natura ta' akkuża kriminali u, għaldaqstant, fattizzi abbinati ma' proċess penali. Konsegwentement, il-'piena amministrattiva' attwalment imposta fuq il-kumpanija rikorrenti għandha tiġi kkunsidrata bħala piena ta' natura penali għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u dan kif se jiġi spjegat f'iktar dettall waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri. Dan, anke tenut kont tal-fatt li dawn it-tip ta' pieni, hekk imsejjħin 'amministrattivi', fil-verità, jiġu imposti bi skop punittiv, kif ukoll bil-għan li jservu ta' deterrent, u mhux bil-għan li jiġu riżarċiti xi forma ta' danni.

15. ILLI, għaldaqstant, isegwi li l-piena mertu ta' dawn il-proċeduri għandha titqies u tiġi vvalutata fid-dawl u fl-isfond tal-prinċipji, tad-drittiijet u tas-salvagwardi proċedurali li għandhom jiġu akkordati lil persuni li jkunu ġew akkużati b'reat, *ossia* bi tħaris tad-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli *"minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi" ai termini* tal-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni**. Huwa f'dan il-qafas li l-kumpanija rikorrenti tissottometti li l-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.0, huma, fihom infushom, leżivi tad-dritt fondamentali protett permezz tal-imsemmi Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

16. LLI, f'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li, anke minn ħarsa lejn in-nomenklatura li ngħata mil-liġi, jirriżulta biċ-ċar li l-Korp intimat ma jikkwalifikax bħala *"Qorti"*, *cioé* bħala organu ġudizzjarju li, min-natura tiegħu stess, huwa indipendenti u imparzjali u, għaldaqstant, idoneju sabiex joffri l-garanziji u s-salvagwardji proċedurali relatati mad-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq. Dan, tenut kont, *inter alia*: i) tal-fatt li huwa l-Korp intimat stess li jifformola *Implementing Procedures* li sussegwentement jintużaw bħala l-bażi għall-imposizzjoni tal-pieni

relattivi; ii) tal-fatt li huwa l-Korp intimat stess li jinvestiga l-allegati vjolazzjonijiet in kwistjoni u, sussegwentement, jiġġudika u saħansitra jimponi l-pieni in kwistjoni; iii) tal-fatt li l-Korp intimat jimponi dawn il-pieni *"konformament ma' kull politika u proċedura stabbilita mill-Bord tal-Gvernaturi"* tal-istess Korp *ai termini* tal-Artikolu 13(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; iv) tal-komposizzjoni tal-istess Bord ta' Gvernaturi, tal-ħatra tal-membri tiegħu da parti tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi, u tal-ħlas tar-remunerazzjoni tagħhom *ai termini* tal-Artikoli 18 u 19 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; iv) tal-finanzjament tal-Korp intimat, *qua* aġenzija tal-Gvern, *ai termini* tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tad-dħul tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 35 tal-istess Att; v) tal-fatt li, kif jirriżulta mill-avviż surreferit datat 14 ta' Jannar, 2022 **('Dok. OASL 1')**, huwa l-*Compliance Monitoring Committee, ossia* organu intern tal-Korp intimat, li, bħala stat ta fatt, huwa "*entrusted to decide the administrative measures to impose on subject persons for breaches of anti-money laundering/countering the finance of terrorism (AML/CFT) obligations".* Dan ifisser li huma l-impjegati tal-Korp intimat stess li, fil-prattika, jiddeterminaw l-imposizzjoni tal-pieni amministrattivi in kwistjoni, u dan bi vjolazzjoni ċara tal-prinċipju '*nemo judex in causa sua'.*

17. ILLI minn qari tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrizulta li d-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq quddiem *"qorti indipendenti u imparzjali"* jiskatta fil-mument li persuna tiġi akkużata b'reat kriminali. Għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti tissottometti wkoll li l-proċess ta' investigazzjoni, *ossia* l-proċess ta' *'compliance review'*, u/jew it-tħaddim ta' dan il-proċess investigattiv u aġġudikattiv da parti tal-Korp intimat, huwa leżiv ukoll tad-dritt fondamentali tal-kumpanija rikorrenti għal smiegħ xieraq, *ossia* tad-drittijiet u tas-salvagwardji proċedurali stipulati fl-**Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, u dan kif se jiġi spjegat f'iktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-proċeduri odjerni.

18. ILLI, minn qari tal-imsemmi Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, jirriżulta wkoll li d-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq jibqà applikabbli u jibqà jipperdura sakemm jiġu finalizżati u konklużi l-proċeduri fil-konfront ta' persuna li tkun ġiet akkużata b'reat. Għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti tirrileva li d-dritt ta' 'appell' ipprovdut permezz tal-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġjiet ma jissanax u ma jinnewtralizżax il-leżjoni tad-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq matul il-proċess ta' investigazzjoni u ta' aġġudikar amministrat mill-Korp intimat, *ossia* matul il-proċess li, fil-fatt, wassal għall-imposizzjoni tal-piena in kwistjoni fuq il-kumpanija rikorrenti.

19. ILLI hija għal din ir-raġuni li l-kumpanija rikorrenti tissottometti wkoll li l-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali tagħha protett bl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali**. Dan, qed jingħad minkejja li l-kumpanija rikorrenti hija ben konxja tal-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

irrikonoxxiet li d-determinazzjoni ta' ċertu tip ta' reati (formanti parti mill-hekk imsejjaħ *"soft core criminal law"*) da parti ta' entitajiet amministrattivi fl-ewwel istanza m'hijiex neċessarjament leżiva tal-imsemmi Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, dement li tali deċizjoni tkun tistà tiġi kkontestata quddiem Qorti, kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq il-fatti.[1] Dan, għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna għar-rigward tad-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq naxxenti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.[2]

20. ILLI, madankollu, il-kumpanija rikorrenti hija tal-fehma umli li, anke fid-dawl tal-prinċipji żviluppati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-verità, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala idoneju sabiex jipprovdi dritt ta' aċċess effettiv għal *"tribunal indipendenti u imparzjali"*, *ossia* bi dritt għal smiegħ xieraq li jistà jitqies bħala idoneju għall-valutazzjoni u għad-determinazzjoni tal-akkużi li bihom ġiet mixlija l-kumpanija rikorrenti. Minkejja li l-Artikolu 13A(1) jipprovdi dritt ta' 'appell' mill-imposizzjoni ta' 'piena amministrattiva' *"fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu"* quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, dan l-'appell' m'huwiex biżżejjed sabiex jiġi salvagwardjat id-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq *ai termini* ta' dak ipprovdut u ta' dak rikjest mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

21. ILLI, f'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li l-ġurisdizzjoni, u anke l-kompetenza, tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, adita *ai termini* tal-imsemmi Artikolu 13A tal-Kaptitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jippermettux lill-kumpanija rikorrrenti li jkollha l-aċċess effettiv għal *'tribunal indipendenti u imparzjali'*, skond dak rikjest mill-istess Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan, stante li, min-natura tagħha stess, il-funzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hija waħda limitata u ċirkoskritta għal reviżjoni ta' deċiżjoni li tkun diġà ttieħdet mill-Korp intimat. Qorti tal-Appell, bħala regola, ma tismax provi u, fil-fatt, tillimita ruħha għal analiżi u, possibiliment, għar-reviżjoni tal-konklużjonijiet li diġà jkunu jinsabu fl-atti proċesswali sad-data tal-intavolar tar-rikors tal-appell in kwistjoni. Dan jirriżulta wkoll mid-digriet kamerali mogħti mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell *in limine litis* nhar it-tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (08.02.2022) fl-atti tal-proċeduri fl-ismijjiet *Online Amusement Solutions Limited -vs- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja* (Appell Ċivili Nru. 7/2022), permezz ta' liema dawn il-proċeduri ġew immedjatament appuntati għat-trattazzjoni tal-partijiet waqt l-udjenza skedata għal nhar is-sittax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (16.03.2022) **('Dok. OASL 3')**. Dan ifisser li l-kumpanija rikorrenti hija esposta għal sitwazzjoni fejn il-ħtija tagħha

[1] Ara, *inter alia*, *A.Menarini Diagnostics S.r.l v. Italy*, deċiża mit-Tieni Sezzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar ils-27 ta' Settembru, 2011 (Każ. Nru. 43509/08).

[2] Ara, *inter alia*: is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar it-3 ta' Mejju, 2016, fl-ismijiet *Federation of Estate Agents -vs- Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et* (Rikors Kostituzzjonali 87/2013); Is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar id-29 ta' Mejju, 2015, fl-ismijiet *Angelo Zahra -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et* (Appell Ċivili Nru. 33/2013); Is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar it-8 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet *Rosette Thake noe et -vs- Kummissjoni Elettorali et* (Rikors Kostituzzjonali Nru. 25/17)

tistà tiġi determinata, jew ikkonfermata, mill-Onorabbli Appell minkejja li ma jkunu ġew prodotti assolutament l-ebda provi bil-ġurament in sostenn tal-akkużi. Għaldaqstant, naturalment, lanqas ma teżisti l-possibilità li l-kumpanija rikorrenti tavalixxi ruħha mid-dritt li tagħmel kontro-eżamijiet.

22. ILLI, f'dan il-qafas jiġi rrilevat ukoll li l-imsemmi digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (08.02.2022) **('Dok. OASL 3')**, fih innifsu, jagħti lok għal sitwazzzjoni fejn il-kumpanija rikorrenti hija proċeduralment żvantaġġata fil-proċeduri pendenti quddiem l-istess Onorabbli Qorti, u dan sforz in-nuqqas ta' parità bejn il-partijiet li nħolqot anke b'konsegwenza tal-istess. Fil-fatt, nonostante il-fatt li hija l-Onorabbli Qorti stess li, *ex officio*, iddireġiet lill-Korp intimat sabiex jippreżenta id-dokumentazzjoni hemm indikata, il-kumpanija rikorrenti baqgħet, sal-lum il-ġurnata, ma ngħatatx aċċess għall-evidenza materjali kollha fil-pussess tal-Korp intimat in sostenn għall-akkużi dedotti fil-konfront tagħha u, għaldaqstant, hija ma tqiegħditx f'qagħda li tħejji d-difiża tagħha kif jispetta lil kwalunkwe persuna li tkun ġiet akkużata b'reat. Dan, minbarra l-fatt li mhux se jkun possibbli għall-kumpanija rikorrenti li ssaqsi mistoqsijiet in eżami u/jew in kontro-eżami lil rappreżentanti tal-Korp intimat għar-rigward tal-kontenut tad-dokumentazzjoni esebita minnha fl-atti tal-proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

23. ILLI, għaldaqstant, il-proċess innifsu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell *ai termini* tal-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-prinċipju *audi alteram partem*, kif ukoll tal-presunzjoni tal-innoċenza ta' persuna akkużata b'reat, u dan anke in vista tax-tixjin tal-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkużi tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Hawn għandna sitwazzjoni fejn, effettivament, il-kumpanija rikorrenti għandha l-oneru li tikkonvinċi Qorti dwar l-innoċenza tagħha, u/jew sitwazzjoni fejn hija, fil-verità, tenuta li tikkontesta l-ħtija u l-effetti tagħha mingħajr ma tingħata, u mingħajr qatt ma ngħatat, id-dritt li tressaq provi quddiem tribunal jew organu ġudizzjarju indipendenti u imparzjali, u dan bi ksur tal-**Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni**.

24. ILLI, f'dan il-qafas, għandu jiġi vvalutat l-fatt li, fl-operat tagħha *ai termini* tal-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-fatt, tkun qiegħdha taġixxi bħala l-ewwel, bħala l-aħħar, u bħala l-unika Qorti adita sabiex, effettivament, tiddetermina u tiddeċiedi għar-rigward tal-ħtija, *o meno* tal-kumpanija rikorrenti. Bl-istess mod, l-Onorabbli Qorti tal-Appell tkun qiegħdha taġixxi bħala l-ewwel, bħala l-aħħar, u bħala l-unika Qorti adita sabiex tivvaluta u, possibilment, tirrivedi l-multa li tkun diġà ġiet imposta mill-Korp intimat. Għaldaqstant, għal din ir-raġuni, il-kumpanija rikorrenti tirrileva wkoll li, *tramite* il-promulgazzjoni tal-Artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Istat Malti naqas milli jissalvagwardja d-dritt fondamentali tal-kumpanija rikorrenti għal smiegħ xieraq *ai termini* tal-**Artikolu 39 tal-**

**Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, kif ukoll li jipprovdi lil persuni suġġetti b'rimedju effettiv, kif rikjest mill-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

25. ILLI, b'żieda u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat ukoll li, minn ħarsa lejn il-konklużjonijiet kontenuti fl-avviż surreferit datat erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (14.01.2022) **('Dok. OASL 1')**, jirriżulta li, fil-verità, parti kbira mill-multa, *ossia* mill-piena amministrattiva in kwistjoni, ġiet imposta fuq il-kumpanija rikorrenti b'konsegwenza tal-allegata vjolazzjoni ta' numru ta' Regolamenti li ġew interpretati u applikati fid-dawl ta' *Implementing Procedures* ifformulati mill-Korp intimat stess. Hija l-fehma tal-kumpanija rikorrenti li l-vjolazzjoni tal-ħtiġijiet naxxenti minn dawn l-*Implementing Procedures* ma tistax iwassal għas-sejbien ta' xi forma ta' ħtija li, per konsegwenza, issarraf ukoll fl-imposizzjoni tal-piena imposta fuq il-kumpanija rikorrenti. Dan, stante li l-poter tal-Korp intimat li jimponi 'pieni amministrattivi' għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' *"xi proċeduri jew linji gwida" ai termini* tar-Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01) ma jsibx bażi legali fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u, għaldaqstant dawn l-*Implementing Procedures* ma jistgħux jitqiesu bħala dispożizzjonijiet li għandhom is-saħħa ta' liġi. Fil-fatt, permezz ta' dan l-Artikolu, il-leġislatur, illimita u ċċirkoskriva l-poteri tal-Ministru għall-għemil ta' *"regoli jew regolamenti li jkunu jipprovdu dwar sanzjonijiet kriminali, pieni amministrattivi u miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti għal xi kontravvenzjoni, <u>ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' regoli, regolamenti jew direttivi magħmulin taħt dan l-Att</u>."* Għaldaqstant, tenut kont tal-fatt li huwa l-Korp intimat stess li ddetermina u ddeċieda akkuża ta' natura kriminali bi vjolazzjoni ta' dak stipulat fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzoni, jiġi rrilevat ukoll li, effettivament, il-'piena amministrattiva' mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet imposta minkejja li, fil-verità, l-allegati vjolazzjonijiet in kwistjoni ma kinux, u ma setgħux, jitqiesu bħala reat/i *ai termini* tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jikkostitwixxi ksur prinċipju *nullum crimen nulla poena sine legge* u, konsegwentement, anke vjolazzjoni tad-dritt fondamentali protett fl-**Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

26. ILLI, f'dan ir-rigward, is-sejbien ta' ħtija u konsegwenti imposizzjoni tal-'piena amministrattiva' in kwisjoni għall-allegat ksur ta' dawn l-*Implementing Procedures*, jikkostitwixxu ksur tal-istess **Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, u dan stante li, fi kwalunkwe, każ, ir-Regolament 21 tal-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01) ma jissodisfax il-kriterji meħtieġa sabiex tali dispożizzjoni tiġi ikkonsidrata bħala ta' kwalità suffiċċjenti sabiex titqies bħala 'liġi' vera u proprja u, għaldaqstant, kompatibbli mal-istess **Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew mal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet**

**tal-Bniedem**. Dan, stante li l-imsemmi Regolament 21 tal-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01) ma jipprovdix ċarezza suffiċċjenti, *ossia* definizzjoni tan-nuqqasijiet speċifiċi u partikolari koperti bl-applikazzjoni u bit-tħaddim ta' din id-dispożizzjoni. Tali dispożizzjoni lanqas ma tispeċifika l-konsegwenzi għall-vjolazzjoni ta' ħtiġijiet partikolari riportati fl-*Implementing Procedures* in kwistjoni u lanqas ma toħloq korrelazzjoni ċara bejn dawn in-nuqqasijiet u bejn l-imposizzjoni tal-pieni relattivi, u dan bi vjolazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali (*'legal certainty'*) u ta' '*foreseeability'*. Fil-fatt, *ai termini* tal-istess dispożizzjoni, il-Korp intimat għandu diskrezzjoni wiesgħa ħafna u arbitrarja, kemm għar-rigward ta' liema nuqqasijiet, effettivament, jikkostitwixxu ksur tal-istess dispożizzjoni, kif ukoll għar-rigward tal-ammont tal-multi li jistgħu talvolta jiġu mposti minnu. Dan għandu jitqies ukoll fid-dawl tal-fatt li, *ai termini* tal-Artikolu 13(6) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri ta' reviżjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell jinstemgħu bil-magħluq, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-atti tal-istess proċeduri huma kunfidenzjali. Għaldaqstant, lanqas ma hu possibbli li wieħed jantiċipa l-konsegwenzi tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni b'referenza għall-ġurisprudenza.

27. ILLI, għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet suesposti, qiegħed jiġi rrilevat ukoll li l-eventwali konferma tal-'piena amministrattiva'*"fl-intier tagħha jew f'parti minnha"* da parti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell *ai termini* tal-Artikolu 13B(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fiha nfisha, se tilledi d-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti *ai termini* tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

28. ILLI, għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qiegħdha tadixxi lill-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha sabiex tipprovdi r-rimedji meħtieġa u opportuni sabiex jiġu rispettati u osservati l-garanziji proċedurali naxxenti mill-osservanza tad-drittijiet u tal-libertajiet fondamentali tal-bniedem f'soċjetà demokratika.

GĦALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:

1. TIDDIKJARA li l-Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta'Malta), kif ukoll ir-Regolament 21 ta-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu u/jew se jsarrfu, f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha li tingħata smigħ xieraq *ai termini* **tas-subartikoli (1), (5) u (6) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali**.

2. TIDDIKJARA li l-Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta'Malta), kif ukoll ir-Regolament 21 ta-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu u/jew se jsarrfu, f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha *ai termini* **tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

3. TIDDIKJARA li l-Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta'Malta), kif ukoll ir-Regolament 21 ta-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu u/jew se jsarrfu, f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha *ai termini* tal-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

4. TAGĦTI dawk l-ordnijiet, dawk id-direttivi u dawk il-provvedimenti kollha meqjusin xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ sabiex jiġi assigurat li ma jkunux jeżistu impedimenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, inkluż billi TIDDIKJARA li l-proċess investigattiv u ta' aġġudikar kondott mill-Korp intimat, inkluż kwalunkwe deċiżjonijiet u/jew direttivi mogħtija minnu *ai termini* tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolamenti magħmulin taħtu, huma nulli u inattendibbli u, konsegwentement, tgħaddi wkoll sabiex tħassar l-avviż tal-istess Korp datat 14 ta' Jannar, 2022 ('Dok. OASL 1'), flimkien mal-piena imposta minnu fuq il-kumpanija rikorrenti.

5. TILLIKWIDA l-kumpens spettanti lill-kumpanija rikorrenti u, konsegwentement, TIKKUNDANNA lill-intimati, jew min minnhom, għall-ħlas tal-ammont hekk illikwidat."

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali (l-intimat Avukat) tat-12 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"*Preliminari*

1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex <u>il-kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa

amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu ma ġiex deċiż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali.[3] L-artikoli 13 u/jew 13A u/jew 13B tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1), (5) u (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

*Mertu*

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tal-kumpanija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), (5) u (6) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6§1, 6§2 u 6§3 tal-Konvenzjoni Ewropea; u lanqas ai termini tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

5. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u*

[3] Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021.

*regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu*."

6. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

7. Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "*hard core of criminal law"* u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

9. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

10. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), **kemm fuq punti ta' liġi u kemm fuq il-mertu**;

11. Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;

12. Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;

13. Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;

14. Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi għal rimedju effettiv quddiem Awtorita' Nazzjonali, liema rimedji huma pprovduti bl-artikoli li qed tattakka l-kumpanija rikorrenti. Barra minn hekk, hemm ukoll il-proċeduri preżenti li jikkwalifikaw ukoll bħala rimedju effettiv ai termini tal-istess artikolu;

15. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti. Għalhekk, l-artikoli u r-regolamenti li qed jiġu attakkati huma validi u ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u għalhekk l-ebda forma ta' kumpens mhu dovut u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija rikorrenti."

Rat ir-risposta tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (l-intimat Korp) tat-18 ta' April tal-2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi fl-ewwel lok il-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjoni tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrenti ghazlet li tuzufruwixxi ruhha minn dan ir-

rimedju u intavolat l-appell taghha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti ghadu mhuwiex ezawrit. Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrenti ghadha qieghda tigi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell, hija ghandha tistenna li dak l-appell jiehu l-kors kollu tieghu billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multa hux ser tigi kkonfermata jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dik il-multa tista' tigi ikkonfermata jew imhassra u jghaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa abbazi ta' ksur ta' ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li l-multa giet diga' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Ligi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika il-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-inforzar tal-obbligi surreferiti huwa wkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-Ligi Ewropea kif gia inghad, u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.

5. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikoli 39(1), 39(5), 39(6) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 6(1), 6(2), 6(3) u 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament ghall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi

huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda kaz ta' lezjoni tad-drittijiet sanciti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

6. Illi l-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multa imposta mill-Korp hija wahda amministrattiva. Il-quantum tal-multa m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex jiddetermina in-natura tal-multa; Fost il-fatturi l-ohra li jindikaw li l-multa hija wahda amministrattiva, wiehed ghandu inter alia iqis il-fatt li l-imsemmija multa la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda multa hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. F'dan is-sens ukoll il-quantum ghandu jigi konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-persuna suggetta relattiva; evidentement sabiex multa amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-multa imposta hija proporzjonata tenut kont tal-vjolazzjonijiet regolatorji numeruzi u sistematici kommessi mir-rikorrenti. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

7. Illi inoltre l-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

8. Illi ghalhekk il-varji garanziji li qieghda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ukoll ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-artikoli 39(1), 39(5), 39(6) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 6(1), 6(2), 6(3) u 7(1) tal-Konvenzjoni in kwantu l-kaz odjern si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva u mhux kriminali.

9. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti jigi bir-rispett eccepit illi l-ebda mill-artikoli 13, 13A u 13B tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ir-Regolament 21 tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu (L.S. 373.01) ("ir-Regolamenti"), ma jilledu d-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq kif sancit taht l-artikolu 39(1), (5) u (6) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1), (2) u (3) tal-Kovenzjoni. Jigi umilment sottomessi illi m'huwiex minnu li dawn l-Artikoli ġew vjolati kemm ghax kif spjegat izjed il-fuq il-kaz odjern si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva u mhux kriminali u fi kwalunkwe kaz, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Inoltre l-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-persuni suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita'.

10. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghall-finijiet ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp qua Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk il-Korp esponent huwa ghal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi.

11. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 13A tal-Kap 373 jaghti rimedju adegwat biex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi artikolu 13A[4] , il-persuna suggetta li fuqha tkun giet inflitta l-multa, ghandha l-opportunita' li tressaq il-kaz kollu taghha – kemm fuq punti ta' fatti, kif ukoll ta' ligi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-revizjoni tad-decizjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tal-multi imposti mill-Korp. Ghalhekk ukoll ma jista' jirrizulta ebda ksur, la tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

12. Illi l-imsemmi dritt ta' appell taht l-artikolu 13A huwa wiehed shih u ma huwa ristrett b'ebda mod. Jidher li r-rikorrenti qieghdha tibbaza din il-parti tal-ilment tieghu fuq dak li huwa jikkonsidra bhala limitazzjonijiet procedurali naxxenti mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Madanakollu din il-lanjanza hija infondata ghaliex il-Ligi procedurali espressament tipprovdi ghall-possibilita' illi jitressqu provi u jsiru sottomissjonijiet ulterjuri anke fl-istadju tal-appell. Fil-fatt lanqas ma tista' r-rikorrenti tghid illi hija gie mcahhda mill-possibilita' li tressaq provi fl-istadju tal-appell ghaliex hija fil-fatt (sal-gurnata tal-llum) ghadha ma ghamlet ebda talba f'dak is-sens quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Addirittura jigi rilevat illi fil-kors tal-appelli taht l-artikolu 13A tal-Kap.373, il-Qorti tal-Appell regolarment tisma' l-provi meta mitluba li taghmel dan, u bl-ebda mod m'hija mcahhda r-rikorrenti milli ttella lill-membri tal-Korp bhala xhieda jekk jidhrilha li dan huwa necessarju ghad-difisa taghha. Lanqas ma hija mcahhda mill-possibilita li ssaqsi mistoqsijiet in ezami u/jew in kontro-ezami lil rapprezentanti tal-Korp intimat ghar-rigward tal-kontenut tad-dokumentazzjoni esebita minnha fl-atti tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell bhal ma tallega. Hija ghandha kull dritt titlob lill-Qorti li tithalla taghmel dan, u mhuwiex

[4] 13A.(1) *Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravate b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva* ***kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu***. [enfasi mizjud]

minnu, kif qed tittanta timplika fir-rikors taghha, illi l-Qorti tal-Appell sejra tghaddi ghad-decizjoni taghha minghajr ma hija tinghata l-opportunita` li tressaq provi bil-gurament u tipprevalixxi ruhha mid-dritt ta' kontro-ezamijiet. Il-fatt li l-Qorti tappunta l-appell ghat-trattazzjoni ma jfisser xejn u ma jnaqqas xejn mid-dritt tar-rikorrenti illi tressaq kwalsiasi prova bil-gurament, jew xhud in ezami jew kontro-ezami, kif filfatt isir fil-maggor parti tal-appelli ntavolati ai termini tal-Artiklu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Ix-xenarju li qed tpingi r-rikorrenti huwa ghalhekk mhux biss spekulattiv izda ghal kollox inveritier.

13. Illi fi kwlasiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent f'kull stadju attivament involva lir-rikorrenti u provdiha bl-informazzjoni shiha u dettaljata dwar il-process li eventwalment wassal ghad-decizjoni tieghu, inkluz bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt iz-zjara u billi forniha b'dettall estensiv qabel ma tahha l-opportunita' li tressaq ir-rappresentazzjonijiet taghha, u dan sabiex hija tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruhha b'mod effettiv, kif fil-fatt kellha opportunita' shiha li taghmel. Ir-rikorrenti kienet mitluba tissuplixxi lill-Korp bid-dokumenti li juru li hija kien konformi mal-obbligi taghha sa minn qabel ma saret iz-zjara; Hija nghatat l-istess opportunita' waqt iz-zjara stess u anke sussegwentement, inkluz meta giet mgharrfa dettaljament bil-vjolazzjonijiet li preliminarjament deher li kienu jissussistu. Ghalhekk ir-rikorrenti kellha kull opportunita' li tressaq il-provi taghha anke quddiem il-Korp qabel ma wasal ghad-decizjoni tieghu.

14. Illi lanqas ma huwa minnu illi d-dritt ta' appell taht l-artikolu 13A tal-Kap 373 huwa leziv tal-principju audi alteram partem u tal-persunzjoni tal-innocenza ta' persuna akkuzata b'reat jew li jikkawza xi inverzjoni tal-oneru tal-prova. Minghajr pregudizzju ghall-fatt li hawn qeghdin f'kamp amministrattiv u mhux penali, jinghad ukoll li fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diga ressaq il-kaz tieghu fis-shih, kif kontenut fid-decizjoni appellata stess u ghalhekk jekk f'dak l-istadju l-persuna suggetta li tkun qieghda tappella mill-multa jidhrilha li ghandha provi xi tressaq, hija effettivament tkun qieghda twiegeb ghall-posizzjoni mehuda mill-Korp ibbazata fuq il-provi kollha migbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-file intern li jwassal ghad-decizjoni tal-Korp u li jigi prezentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli ghall-persuna suggetta.

15. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni dwar nuqqas ta' parita' tal-armi, jigi wkoll bir-rispett eccepit illi dan lanqas ma huwa il-kaz. Il-Korp ghandu bzonn iz-zmien sabiex jevalwa d-dokumenti mghoddija lilu mill-persuna suggetta; dawn id-dokumenti dejjem kienu u baqghu fil-pussess ta' dik il-persuna suggetta in kwantu huma dokumenti taghha stess. Ma huwiex il-kaz illi r-rikorrenti giet imcahhda minn access ghad-dokumenti relattivi. Di piu, qabel ma wasal ghad-decizjoni tieghu, il-Korp forna lir-rikorrenti bis-sejbiet preliminari tieghu b'mod dettaljat u b'referenza specifika ghall-kazijiet partikolari fejn deher li seta' kien hemm nuqqasijiet, u ghalhekk il-Korp forna lir-rikorrenti bl-informazzjoni shiha sabiex hi kienet f'posizzjoni fejn setghet tiddefendi ruhha b'mod effettiv.

16. Illi jigi eccepit illi l-process li wassal ghad-decizjoni tal-Korp bl-ebda mod ma' jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti giet mgharrfa bil-miktub, b'ilsien li hija tifhem, dettaljatament dwar x'kienu il-vjolazzjonijiet li l-Korp dehrlu li seta' kien hemm u dan permezz tal-hekk imsejha Potential Breaches Letter ta' nhar is-16 ta' Lulju 2020. Ghandu jigi apprezzat il-fatt illi l-process li wassal ghad-decizjoni finali tal-Korp, ma huwiex investigattiv kif qieghed tallega r-rikorrenti fir-rikors taghha. Il-process huwa wiehed ta' supervizjoni (compliance review) li issir bhala rutina fuq il-persuni suggetti b'mod generali, u mhux fuq xi suspett ta' ksur tal-Ligi. F'dan is-sens, meta jinbeda l-process ma jkun hemm ebda suspett kwalunkwe izda merament tinbeda procedura regolatorja fejn il-Korp jitlob access ghall-proceduri u dokumenti tal-persuna suggetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi taghha dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih. Meta imbaghad gie konkluz illi kien jidher li hemm ksur tal-Ligi, il-Korp baghat l-imsemmija Potential Beaches Letter, li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li kien jidher li gew miksura. Dan kien jixhed il-fatt li din kienet kwistjoni serja. Il-fatt li l-multa li l-Korp eventwalment impona ma gietx indikata f'dak il-punt, huwa kompletament irrelevanti peress illi l-Korp ma kellu ebda obbligu li jindika dan. Il-pieni amministrattivi li persuna suggetta tista' tehel johorgu mil-Ligi u in linea mal-massima bazilari ignorantia juris neminem excusat, ir-rikorrenti ma tistax tistrieh fuq in-nuqqas ta' gharfien taghha tal-Ligi.

17. Illi fir-rigward tat-tieni talba, il-Korp esponent umilment jeccepixxi illi l-artikolu 13, 13A jew 13B tal-Kap 373 u ir-Regolamenti 21 tar-Regolamenti bl-ebda mod ma jilledu d-dritt fondamentali kif sancit fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.

18. Illi fl-ewwel lok l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni it-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u ghalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz odjern li jikkoncerna multa amministrattiva imposta mir-Regolatur, dan kif gia eccepit hawn fuq.

19. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit li d-disposizzjonijiet tal-Ligi huma ampjament cari, certi u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbligi li jinkombu fuq il-persuna suggetta. Daqstant iehor huma cari fil-Ligi l-multi li tista' tehel il-persuna suggetta u ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-process ta' compliance review u d-decizjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.

20. Illi l-Ligi hija cara kif inghad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Ligi sew, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali izda tidhol fil-mertu tal-kaz innifsu li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, thassar jew tikkonferma d-decizjoni tal-Korp.

21. Illi għandu jiġi ċċarat li filwaqt li huwa minnu li huma r-Regolamenti li jorbtu lill-Appellanta u jimponu obbligi fuqha, l-implementing procedures ukoll jorbtu lill-Appellanta, u dan ai termini tar-Regolament numru 17 tal-istess Regolamenti. L-implementing procedures qiegħdin hemm sabiex isaħħu r-Regolamenti għaliex jelenkaw b'mod dettaljat l-obbligazzjonijiet tal-persuna soġġetta emergenti mir-Regolamenti, u għalhekk l-implementing procedures ma jistgħux, bl-ebda mod, jiġu interpretati bħala xi forma ta' interpretazzjoni separata tal-Korp Appellat, għaliex dawn huma estenzjoni tar-Regolamenti nfushom. Għalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-poter tal-Korp li jimponi pieni amministrattivi ghall-ksur tal-implementing procedures ai termini tar-Regolament 21 ma jsibx bazi legali fl-Artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta m'hu xejn għajr attentat iddisprat tar-rikorrenti sabiex tittanta tevita l-obbligazzjonijiet imposti fuqha mil-liġi nostrana sabiex jiġi miġġieled il-money laundering u l-iffinanzjar ta' terroriżmu f'pajjiżna.

22. Għalhekk, indubbjament, il-Korp Appellat kellu kull dritt li ai termini tar-Regolamenti jimponi pieni amministrattivi fuq l-Appellanta għall-ksur da parti tagħha tal-Implementing Procedures. Barra minn hekk, jiġi umilment rilevat ukoll illi jekk wieħed jara l-pieni amministrattivi imposti mill-Korp fuq ir-rikorrenti, l-ebda mill-pieni ma ġew mogħtija għall-ksur tal-Implementing Procedures biss. Kull piena tirreferi għal ksur tar-Regolamenti u l-Implementing Procedures flimkien, għaliex kif spjegat iżjed il-fuq, l-Implementing procedures huma estenzjoni tar-Regolamenti innifishom.

23. Illi ghalhekk il-process ta' compliance review u d-decizjoni tal-Korp fil-konfront tar-rikorrenti huma lkoll validi u skond il-Ligi.

24. Illi ghalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda kumpens fil-konfront tar- rikorrenti.

25. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li xi wahda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens.

26. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

27. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, hija l-umli sottomissjoni tal-Korp esponent illi t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq minn Online Amusement Solutions Limited ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'ittra datata 14 ta' Jannar 2022, l-intimat Korp għarraf lis-Soċjeta' rikorrenti li kien wasal għad-deċiżjoni li jimponi multa amministrattiva fl-ammont ta' €386,567 (ara a' fol 16 et seq). Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li l-intimat Korp kien sab li s-Soċjeta' Attriċi kellha għadd ta' defiċjenzi u nuqqasijiet bil-mod kif topera u bi ksur tal-liġi, regolamenti u policies tal-intimat Korp.

**2.** L-intimat Korp wasal għal din id-deċiżjoni in virtu' tal-artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tar-regolament tal-leġislazzjoni sussidjarja 373.01. Is-Soċjeta' rikorrenti interponiet Appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) peress li ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni tal-intimat Korp u liema appell għadu pendenti.

**3.** Skont affidavit ta' Thomas Platsatouras, ta' nazzjonalita' Griega, wieħed mid-diretturi tas-Soċjeta' rikorrenti jispjega, li llum din is-Soċjeta' qegħdha fi stralċ. Propju minħabba din il-multa ma għadhiex topera peress li ma baqgħetx finanzjarjament vijabbli li tkompli topera tant li anke ċediet il-liċenzja.

## Punti ta' Liġi

**4.** Fis-sustanza, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa li l-intimat Korp aġixxa fil-konfront tiegħu daqs li kieku kien Qorti meta ma għandux is-salvagwardi tal-Kostituzzjoni in rigward ta' smiegħ xieraq, imparzjalita' u l-prinċipji sostanzjali dwar rejati kriminali, kif imħarsa mill-artikoli rispettivi 39(1), (5) u (6) u 6(1), (2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

**5.** Huwa jinsisti li dawn il-multi amministrattivi, indipendentement mill-mod kif tiddiskrivihom il-liġi partikulari fuq imsemmija, fil-verita' u fis-sustanza, għandhom kjarament karattru ta' pieni kriminali. Dawn il-pieni huma msejsa fuq artikolu 13 tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u regolament 12 tal-L.S 373.01 li rispettivament jiddisponu fost oħrajn hekk:

"*13.(1) Il-Ministru jista' jagħmel regoli jew regolamenti li jkunu jipprovdu dwar sanzjonijiet kriminali, pieni amministrattivi u miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti għal xi kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' regoli, regolamenti jew direttivi magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda: (a) is-sanzjonijiet kriminali hekk imposti m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn multa ta' miljun euro (€1,000,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien kif stipulat fir-regoli jew regolamenti involuti;*

*u (b) il-pieni amministrattivi hekk imposti m'għandhomx ikunu iżjed minn:*

*(i) ħames miljun euro (€5,000,000); jew (ii) darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris, meta dan ikun jista' jiġi stabbilit; jew (iii) għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kif joħroġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji approvati u disponibbli l-aktar reċenti.*

*(2) Il-pieni amministrattivi msemmija taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu mposti mill-Korp konformement ma' kull politika u proċedura stabbilita mill-Bord ta' Gvernaturi msemmija fl-artikolu 18, minn żmien għal żmien" U*

*"Reg 21.(1) Kull persuna suġġetta li tonqos milli tkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima maħruġa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja taħt dawn ir-regolamenti jew l-Att, teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro (€46,500) fir-rigward ta' kull nuqqas separat biex tkun konformi ma' dik il-ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima.*

*(2) Persuna suġġetta li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi proċeduri jew linji gwidi maħruġa skont ir-regolament 17 teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro(€46,500) fir-rigward ta' kull nuqqas separat.*

*(3) Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta'*

*seduta quddiem il-qorti, sew bħala piena fissa ta' darba jew bħala piena kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien, u għandhom jiġu imposti skont il-policies u proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-Att, li għandhom jiżguraw l-impożizzjoni ta' pieni amministrativi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi".*

**6.** Is-Soċjeta' rikorrenti qegħda ukoll tinvoka il-ksur tad-dritt fundamentali kif imħarsa mill-artikolu 39(8) u 7 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Dan il-ksur jirrigwardja li ma jistax ikollok rejat jekk mhux b'saħħa ta' liġi u cioe' *nullum crimen sine lege*.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>L-*eżawriment tar-rimedju ordinarju*</u>

**7.** Din hija stedina lill-Qorti li mhux bil-fors tintlaqa', anke jekk jirrisulta li kien hemm rimedji ordinarji oħrajn. Ir-rimedju ordinarju irid ikun idoneju ai fini ta' dawn il-proċeduri, fis-sens, li jrid ikun rimedju effettiv, rejali u sodisfaċenti u li jindirizza l-ilment li għandha quddiemha din il-Qorti.

**8.** Jekk ma jkunx hekk, għal fatt biss li hemm rimedju ordinarju, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-istedina u għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha li ma tiddeklinax li tieħu konjizzjoni tat-talbiet li jkollha quddiemha. L-eċċezzjoni tingħata miż-żewġ intimati fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

**9.** B'din l-eċċezzjoni l-intimati qed jittentaw jgħidu, li r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu d-dritt ta' Appell ai termini tal-artikolu 13A tal-Kap

373 tal-liġijiet ta' Malta. Huma jgħidu li di fatti ir-rikorrent qiegħed jużufruwixxi minn dan id-dritt u għalhekk għadhom pendenti.

**10.** Din il-Qorti tibda biex mill-ewwel tgħid, li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata. Mit-talbiet tar-rikors tal-Appell tar-rikorrent jirrisulta ċar, kemm mill-aggravji u kif ukoll mit-talbiet, li l-mertu f' dawk il-proċeduri huwa għal kollox differenti minn dawk li għandha quddiemha din il-Qorti (a' fol 58 sa 75).

**11.** Dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti lil din il-Qorti hija l-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' anti-kostituzzjonalita' tal-artikoli rilevanti tal-Liġi. Issa dan ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi materja bħal din għaliex din hija materja riservata għal dawn il-Qrati bis-saħħa tal-artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Ara li kieku dawn il-proċeduri ma kienux ta' natura Kostituzzjonali iżda kienu jirrigwardaw l-operazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi inkwistjoni, kienet tkun ħaġa oħra għal kollox għax tassew li l-Appell jista' jagħti l-każ li jagħti rimedju f'dan ir-rigward.

**12.** Fil-każ inkwistjoni l-kompetenza ta' dik il-Qorti hija ċirkoskritta b'artikolu 13A tal-kap 373 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi, fost oħrajn, hekk: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni*

*waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' <u>tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu</u>."* (Emfażi tal-Qorti).

**13.** Anke mill-istess kliem testwali tal-liġi jirrisulta b'mod ċar, li l-appell jista' jsir biss minn piena u mhux xi ħaġa oħra. Pero' l-appell jista' jsir kemm fuq punti tal-liġi u kif ukoll fuq il-mertu iżda dejjem in konnessjoni mal-piena u xejn aktar.

**14.** Dak li qed jintalab illum jirrigwarda l-anti-kostituzzjonalita' ta' ċertu provvedimenti tal-liġijiet stante li jiksru d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u f'każ tal-appell imsemmi l-Qorti ma tistax tiddetermina punti ta' din ix-xorta. Għalhekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Insigna Cards Ltd -vs- Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tal-1 ta' Diċembru 2021** fejn f'sitwazzjonijiet simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda.

**15.** Ġie wkoll osservat li "*…the key factor is whether a constitutional complaint makes it possible to remedy the violations of the rights committed by public authorities or forbid authorities from continuing to infringe the right in question. <u>As concerns judicial decisions, the constitutional complaint must make it possible, were the law is found to be unconstitutional, to annul all final decisions made on the basis of the law and provide direct and speedy redress to the complainant</u>*" (Ara Emfażi tal-Qorti. **Harris O'Boyle and Warwick, The Law of the European Convention of Human Rights, Ed 4th, page 58**).

**16.** Issa huwa ċar, li l-Qorti tal-Appell f'din il-kwistjoni ma tistax tannulla l-aġir amministrattiv u wisq anqas tista' tagħti rimedju effettiv ai finijiet kostituzzjonali għaliex hija l-istess liġi li tiċċirkonskriviha kif fuq spjegat.

**17.** F'dan l-istadju tas-Sentenza l-Qorti tħoss li għandha ukoll tagħmel l-osservazzjoni tagħha dwar in-natura tal-Appell li tagħti din il-liġi. Għalkemm il-liġi tagħti rimedju tal-appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili, bis-salvagwardji kollha li din hija mogħnija bihom bil-Kostituzzjoni, fis-sewwa, din il-Qorti ma tilmaħx li fil-mod li jista' jsir u jiġi kondott Appell fit-termini tal-liġi in eżami, li dan huwa simili għal dak li ordinarjament jissejjaħ Appell.

**18.** Din il-Qorti pjuttost tilmaħ Qorti ta' reviżjoni, għaliex il-kompetenza tagħha hija limitata għall-pieni biss u mhux per eżempju għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi fuq kwistjonijiet li mhux neċessarjament marbuta ma' pieni. Aktar minn hekk biex tassew ikun jista' jissejjaħ appell, il-persuna li qed tappella hija persuna li tkun ipparteċipat attivament bi dritt mogħti mil-liġi b'regoli ċari u mhux b'konċessjonijiet, mill-bidu sal-aħħar tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni finali appellata. Ir-rimedju li tagħti liġi meta jiġi msejjaħ Appell, fis-sewwa hija deskrizzjoni legali skorretta jew kif jissejjaħ fl-ingliż "misnomer" legali. Din il-liġi tiżnatura għal kollox l-għan prinċipji tal-Appell. Għalkemm irid jingħad, li ġaladarba li l-liġi qed tipprovdi għall-appell implicter ifisser ukoll li l-intimat Korp huwa meqjus bħala wieħed aġġudikattiv fost il-ħafna rwoli oħra li għandu.

Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*Il-Korp ma hux il-leġittimu kontradittur*

**19.** L-intimat Korp, permezz tat-tielet risposta jeċepixxi li ma hux il-leġittimu kontradittur.

**20.** L-intimat Korp jargumenta, li ġaladarba kull ma qiegħed jagħmel japplika l-liġi, huwa ma għandux iwieġeb għal-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrent għaliex ma jistax iwieġeb għal kostituzzjonalita' o meno tal-liġi nnifisha.

**21.** Mill-qari tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed ifittex fost oħrajn li ksur tad-drittijiet minħabba policies adotti mill-intimat Korp. Di fatti s-sanctions tools u sanctions policies huma kollha imfassla minnu.

**22.** Issir referenza għal dak illi intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Southern Cross SICAV plc -vs- Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, Prim Awla (Sede Kostituzzjonali), per Imħallef G. Mercieca, 9 ta' Marzu 2023** fejn intqal hekk:

"*Il-Qorti taqbel li l-Korp ma jweġibx għal allegazzjonijiet ta' liġijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem. B'danakollu, din mhix l-unika talba tar-rikorrenti, li qiegħda tilmenta wkoll dwar il-mod kif il-Korp mexxa l-investigazzjonijiet tiegħu u l-mod kif iddeċieda. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi mwarrba safejn it-talbiet ma jikkonċernawx xi liġi jew xi regolament*" (Ara ukoll **Sentenza per Imħallef Audrey Demicoli fl-ismijiet Phoenix Payments Ltd -vs- Il-Korp għal Analiżi Finanzjarja et tat-30 ta' Marzu 2023**). Għalhekk huwa ċar, anke mill-provi li għandha quddiemha

l-Qorti, li l-intimat Korp ħa sehem attivi u esklussiv sabiex ġie imfassal il-metodu ta' kif jiġu komputati l-multi li finalment jiġu imposti (Ara Sanction tools). Pero', apparti dan kollu, huwa awspikabbli, li l-intimat Korp jkun presenti fil-ġudizzju, anke minħabba l-integrita' stante li tajjeb jew ħażin huwa kien parti mill-proċess kollu li qed ikun attakkat.

**23.** Fl-aħħar nett din il-Qorti tfakkar, li l-pieni maħruġa mill-FIAU jiġu miġbura mill-FIAU u dawn jintużaw għall-operat tal-FIAU (ara Mistoqsija Parlamentari a' fol 159). Għalhekk huwa aktar minn ċar, li l-intimat Korp għandu interess dirett fid-dibattitu inkwistjoni għaliex jekk din il-Qorti ser tkun qed tordna r-rifużjoni ta' kull ħlas lura ta' pieni, dan ser tkun qed tagħmlu lill-Korp u mhux lill-intimat Avukat, li jista pero' xorta jinstab responsabbli għal kumpens għal fatt biss tal-ksur tad-dritt minħabba l-anti-kostituzzjonalita' o meno ta' din il-liġi, għaliex huwa dan li finalment jirrapresenta lill-Istat u lill-Gvern fil-fergħat kollha tiegħu (ara art 181B (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

**24.** Huwa l-Korp, li huwa mogħni bil-liġi b'personalita' ġuridika u għalhekk azzjonabbli, li jrid jagħmel ir-rifużjoni, jekk ikun il-każ u mhux l-intimat Avukat tal-Istat, Ara art 15 tal-Kap 373). Pero' dwar dan il-punt, il-Qorti ser tkun qed tirritorna għalih fi stadju ulterjuri ta' din is-Sentenza fil-każ tar-rimedji li ser jingħataw.

Il-mertu

**25.** Jibda biex jiġi osservat li fir-risposta tiegħu l-intimat Korp fost ħafna raġunijiet oħra jġib bħala difiża li l-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn liġi tal-Unjoni Ewropeja, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bħala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali (a' fol 28 para 6).

**26.** Il-Qorti tistqarr, li provat issib fejn fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja hemm din id-dikjarazzjoni. Fliet il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u partikolarment it-Taqsima 4 tad-direttiva numru 2015/864. Huwa minnu, li dawn ir-regolamenti persistentement jirreferu għal dawn il-multi bħala amministrattivi, imma f'ebda ħin ma jgħidu espressament dak li jeċepixxi l-intimat Korp. L-aktar l-aktar dan jista' jkun desunt.

**27.** Iżda, fi kwalunkwe każ, anke jekk hemm dikjarazzjoni bħal din, tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti li teżamina il-fatti specie legali ta'dawn il-multi biex tasal għall-konklużjoni jekk għandhomx minn pieni għal rejati u mhux multi amministrattivi, indipendentement minn kull deskrizzjoni jew klassifikazzjoni tagħhom kemm, taħt il-liġi domestika u kif ukoll fid-direttiva.

**28.** L-eżami li trid tagħmel il-Qorti dwar il-klassifikazzjoni ta' dawn il-multi ma hiex issiġillata b'dikjarazzjoni bħal dik, iżda trid tkun eżaminata fil-kuntest tal-liġi domestika, anke jekk din hija trasposizzjoni ta' xi liġi Ewropeja. Dikjarazzjoni bħal dik, dejjem jekk tesisti, ma hiex fiha innifisha xi imprimatur assolut u lanqas hija imnaqqxa fit-twavel ta' xi kmandamenti.

Di fatti anke d-direttiva stess fil-paragrafu 59 turi il-preokkupazzjoni tagħha billi tgħid li meta t-trasposizzjoni tad-direttiva jipprovdi kemm għal multi amministrattivi u anke rejati kriminali, kull Stat membru għandu jkun viġilanti li "*Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem*."

**29.** Meta l-Qorti eżaminat DIRETTIVA (UE) 2015/849 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ma sabet ebda referenza għall-multi ta' natura punitiva, meta min-naħa l-oħra l-manwal tal-Korp intimat jiddiskrivihom bħala *punitive* kif ser jingħad aktar 'l isfel. Għalhekk huwa l-każ li wieħed jifli ukoll jekk it-trasposizzjoni tad-direttiva tassew tirrifletti dak li trid id-direttiva.

**30.** L-intimat Korp jargumenta ukoll, li huwa prinċipju ġenerali abbraċċjat mill-Qrati Ewropej li l-liġi kommunitarja hija presunta bħala konformi mad-drittijiet fundamentali u fi kwalunkwe każ japplika dejjem il-prinċipju ta' Supremazija tal-Liġi kommunitarja. Din il-Qorti tosserva li l-presunzjoni inkwistjoni ma hiex xi waħda assoluta *iure et de iure.* Hu kwantu għas-Supremazija tal-Liġijiet Ewropeja fid-dawl li artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ma

jgħidx hekk, jindika biċ-ċar li din għadha ferita Kostituzzjonali li tnixxi d-demm.

**31.** Il-Kostituzzjoni Maltija, kuntrarjarmament għall-Kostituzzjonijiet oħrajn (eżempju dik ta' Ċipru ara artikolu 179) qatt ma ġiet subordinata għal-liġijiet Ewropej ħlief b'Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa Liġi ordinarja. Di pju, Alla ħares jiġi aċċettat l-argument, li għaliex il-liġi Ewropeja hija suprema, allura dawn il-Qrati għandhom joqgħodu għal kollox, anke għal liġi li tkun tikser id-drittijiet tal-bniedem sempliċiment għaliex hija liġi tal-Unjoni Ewropeja hija suprema u allura b'infrazzjoni ċara tal-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**32.** Issa meta din il-Qorti eżaminat għal darba oħra id-dokumenti u provi f'din il-Kawża reġgħet irriskontrat l-istess ostakli legali li din l-istess Qorti, kif presjeduta, sabet ma' wiċċha fis-**Sentenza fl-ismijiet Nutar Roderick Caruana -vs- Il-Korp għall-Analiżi tat-28 ta' Settembru 2023 (Appellata**). Bid-differenza li din id-darba l-multa amministrettiva hija waħda ħafna aktar pesanti ta' €386,567 u li b'konsegwenza ta' hekk is-Soċjeta' rikorrenti kellha tagħlaq l-operazzjonijiet tagħha (ara affidavit ta' Thomas Platsatuoras a' fol 212 para 17). Indikazzjoni ta' kemm minħabba il-mod kif ikunu komputati huma ta' natura punittiva.

**33.** Il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaġinazzjoni, l-intimat Korp jibqa' jargumenta, li din il-multa ma għandhiex tkun klassifikata bħala waħda penali, meta hija daqstant pesanti u li waslet ukoll biex is-Soċjeta' rikorrenti tagħlaq. Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-

Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. (Ara, **Bendenoun v France, Rikors Numru 12547/86 tal-24 ta' Frar 1994; Jussila v Finland, Rikors Numru 73053 tat-23 ta' Novembru 2006 u Engel and others v the Netherlands, Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72 tat-8 ta' Ġunju 1976**).

**34.** Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet ukoll illi Artikolu 6 jkun japplika għall-proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-Engel criteria) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' taxpayers.

b) Is-surcharge ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi. (Kumment tal-Qorti: di fatti l-istess artiklu 12 tal-legali jgħid li dawn il-mutri għandhom ikun diswasivi).

c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi; (Kumment tal-Qorti: kif jirrikonoxxi l-istess manwal tal-intimat Korp, ara Policy Document tal-Intimat Korp para 1.1).

d) Is-surcharge kienet sostanzjali. (Kumment tal-Qorti: l-ammont li għandha quddiemha huma manifestament sostanzjali).

**35.** In kwantu t-tielet kriterju huwa l-istess intimat Korp li jirrikonoxxi li dawn il-multi huma ta' natura punittiva, tant li skont il-Policy Document tal-

Intmat Korp para 1.1 jingħad hekk "*Administrative penalities* <u>*are an important punitive measure*</u> *and my be imposed by the CMC for breaches of lawful requirments, orders, directives envisaged under the PMLA or PM or for non-compliance with the AMT/CFT obligations under the PMLFTR or other binding procedures issued by the FIAU including the Implementing Procedures Part I and II.*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 116).

**36.** Apparti dan, l-istess dokument li fih id-direttivi li fuqhom għandhom ikunu ffissati dawn il-multi espressament u kjarament jistabilixxu li "*The fine* <u>*should be punitive*</u> *and act as a detterent to non-compliance"* u bħalli qallu dan mhux biżżejjed dawn ikomplu jinsistu li "*The fine should be effective in the sense that the subject person should not consider as a 'mere cost of doing business' and it should be significant enough to impact on the sp's annual income*" dan meta suppost li "*The fine should be proportionate to the size and/or financial strength of the subject matter*" (Ara a' fol 139 para 32.1.1.2 (d) (e) u (j) meta fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti is-sp falla propju minħabba l-multa imposta.

**37.** Dan meta, kif diġa' aċċennat, ir-regolament 12 tal-Liġi Sussidjarja 373.01 dawn il-multi *għandhom jiżguraw l-impożizzjoni ta' pieni amministrattivi li jkunu* <u>*effettivi, proporzjonati u dissważivi*</u>". Issa anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tistax tifhem kif multa daqstant pesanti jista' jingħad li kienet proporzjonali meta waslet saħnasitra għall-għeluq tas-Soċjeta' rikorrenti. F'dan il-każ veru kienu effettivi imma f'sens distruttiv. Dan meta skont il-*Compliance Review of On line Amusment Solutions*

*Limited* datat 14 ta' Jannar 2022 f'paġna 5 dawn ma kellhomx iwasslu għal dan ir-risultat (a' fol 115).

**38.** Dan ukoll jindika, kif meta l-intimat Korp jagħmel analiżi tal-finanzi tas-Subject Person ma jkunx qiegħed iqis kemm tassew ser tkun kommesurabbli l-multa mal-qliegħ tal-persuna, għaliex finalment dan li jimplika l-prinċipju ta' proporzjonalita' u cioe' li minkejja il-multa, il-persuna (subject person) kemm jekk fiżika u anke morali, tkun tista' tkompli topera u mhux tiġi strangolata. Dan jindika ukoll kemm hija importanti l-presenza tal-persuna (SP) f'kull stadju fejn din il-multa tkun qed tiġi diskussa. Minkejja l-ħafna "*new speak*" ta' kunċetti bħal *sanctions policy, compliance monitoring tools u sanctions tools,* li suppost għandhom iwasslu għall-miżuri li huma proporzjonali, fil-każ odjern, waslu għall-għeluq, biex ma jingħadx tgħalliq, tas-Soċjeta' Attriċi.

**39.** Issa huwa minnu li d-direttiva EU 2015/849 f'artikolu 58(2) jipprovdi hekk "*Without prejudice to the right of Member States to provide for and impose criminal sanctions, Member States shall lay down rules on administrative sanctions and measures and ensure that their competent authorities may impose such sanctions and measures with respect to breaches of the national provisions transposing this Directive, and shall ensure that they are applied*". Pero' din id-direttiva ma tipprovdi ebda metodu ta' kif dawn il-multi għandhom ikunu kalkolati. Dan huwa imħolli f'idejn l-Istat membru. Iżda dan ma jfissirx li l-metodu li jiġi adottat fih innifsu

huwa konformi mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni għas-sempliċi raġuni li din id-direttiva tipprovdi għall-multi amministrattivi.

**40.** Meta wieħed jeżamina s-*sanctions policy* ma tridx wisq biex tintebaħ kemm huwa strument konvolut, opak u metodu biżantin ta' kif jiġu kalkolati dawn il-multi. Huma kollox barra komprensibbli u ċertament ma humiex *public friendly* fir-rigward tal-persuna (subject person) li huwa ukoll taxpayer.

**41.** Għalhekk il-Qorti hija ultra konvinta, li dak li għandha quddiemha ma humiex multi amministrattivi iżda pieni ta' natura penali b'konsegwenza tal-*minded letter* li tkun irċeviet il-persuna li fis-sewwa tqisha bħal *Criminal Charge*. Għal din il-Qorti l-ewwel dokument li jkun notifikat lill-persuna sabiex ikun infurmat li ser issir investigazzjoni, ġaladarba ultimament dan iwassal għal dawn il-multi li huma fl-essenza pieni penali, allura dak id-dokument lanqas ma jista' ma jitqisx bħala *Criminal Charge*.

**42.** Kif diġa' osservat f'okkażjonijiet oħra minn din il-Qorti kif presjeduta, l-istess Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta, li jittratta ukoll pieni veri u propja' ta' xorta penali f'parti I distintivament mill-pieni amministrattivi f'parti II, il-liġi tagħmel tentattiv billi tagħmilha ċara, li għaliha dawn tal-aħħar ma għandhomx mill-istess karattru ġuridiku.

**43.** Tant dan huwa minnu, li l-istess liġi biex "isserħilna moħħna!" espressament tgħidilna, li fil-każ ta' imposizzjoni ta' dawn ix-xorta ta' pieni l-anqas hemm ħtieġa ta' seduta l-Qorti (ara regolament 12 (3)). Il-fatt li l-

leġislatur ħass li kellu jagħmel din l-emfażi, ukoll titradixxi d-dubbji tiegħu fil-legalita' o meno ta' din il-parti tal-liġi, għaliex jekk mhux hekk, allura din hija biss tawtoliġija u sofiżmu legali.

**44.** Id-dibattitu dwar dan l-aspett tal-vertenza ilu għaddej u anke ġie determinat kemm-il darba, kemm minn dawn il-Qrati u anke minn dawk Ewropej. It-tendenza li tingħata interpretazzjoni aktar wisgħa ta' x'jikkostitwixxi *criminal charge* ilha tiġi osservata u f'dan ir-rigward intqal hekk:

*"It should also be pointed out, from the outset, that the Strasbourg caselaw has led to the creation of new guarantees which are not specifically mentioned in the letter of the article as such, but which have emerged as a consequence of the development of this caselaw. These judge-made guarantees have been considered as natural corollaries of the written guarantees of Article 6 or, better, as guarantees which emanate from its very spirit of protection: the right of access to a court, the right to legal aid, or the equality of arms are three guarantees, now well-embedded in the judicial conscience, that all come from an extensive interpretation of Article 6. At the same time, and as a result of this extensive interpretation of Article 6, notions which were designed, by the European legislator, to have a more limited purview, have grown, through the case-law, to dimensions expanding the limits of protection of Article 6 in areas far wider than anticipated by its founding fathers. A classic example of this expansionist trend of the case-law is the creation of the autonomous notion of "civil rights*

*and obligations" and of "criminal charge", which now covers categories of cases and proceedings which cannot be considered necessarily to have been anticipated by the drafters of the Convention."* (**The Right to a Fair Trial in Civil Cases: Article 6 Para. 1 of the ECHR Mr. Justice Christos Rozakis. Id-Dritt 2006.Vol XIX**).

**45.** Intqal ukoll li "*The concept of a 'criminal charge' has an 'autonomous' meaning, independent of the categorisations employed by the national legal systems of the member States* (**Blokhin v. Russia [GC], 2016, § 179; Adolf v. Austria, 1982, § 30**)*. This is true both for the determination of the 'criminal' nature of the charge and for the moment from which such a 'charge' exists*".

**46.** Anke l-Qrati tagħna ma qagħdux lura milli jippronuzjaw rwieħhom dwar dan, mhux biss dwar x'jikkostitwixxi akkuża, iżda anke speċifikament dwar il-piena imposta. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia -vs- L-Onor. Prim Ministru et (Rik Nru 8/11JRM**) il-Qorti kkonkludiet li l-piena mogħtija ma kienitx tammonta għal waħda ta' natura kriminali, pero' l-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Mejju 2017 dawret dik il-konklużjoni u qalet hekk: "*Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-multi maghrufa bhala short payment penalties ma jistghux jitqiesu bhala "piena jew kastig kriminali" imma huma biss mizuri ta' deterrent ga ladarba huma jistghu jithassru ghal kollox jew jinhafru jekk it-taxpayer jottempera ruhu mal-ligi, din il-Qorti tosserva li dan ma jipprivahomx mill-karattru punittiv taghhom. Wara kollox anke l-multi imposti mill-Qorti tal-*

*Magistrati [Malta] jistghu jinhafru, mhux biss mill-President ta' Malta izda anke mill-istess Qorti tal-Magistrati skont it-termini tal-Artikolu 76 tal-Kap 406".*

**47.** Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti l-konsiderazzjoni importanti fost oħrajn, hija dik kif magħmula mill-ECHR bil-mod kif ser jingħad; "*The 'charge' could, for the purposes of Article 6 par. 1 (art. 6-1), be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. In several decisions and opinions the Commission has adopted a test that appears to be fairly closely related, namely whether 'the situation of the [suspect] has been substantially affected' (Neumeister case, Series B no. 6, p. 81; case of Huber v. Austria, Yearbook of the Convention, vol. 18, p. 356, 67; case of Hätti v. Federal Republic of Germany, ibid., vol. 19, p. 1064, 50, etc.). Under these circumstances, the Court considers that as from September 1974 the applicant was under a 'criminal charge'* " (Ara **Deweer -vs-Belgium tas-27 ta' Frar 1980 app 6903/75**).

**48.** F'dan ir-rigward fil-każ ta' Eckle deċiż fil-15 ta' Lulju 1982 pg 33 ġie osservat li "*the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence".* B'dana li fis-**Sentenza ta' Foti tal-10 ta' Diċembru 1982 pg 18**, ġie ukoll preċiżat li *"although it may in some instances take the form of other measures which*

*carry the implications of such an allegation and which <u>likewise substantially affect the situation of the suspect</u>"* (emfażi ta' din il-Qorti).

**49.** Għalhekk dak li trid tagħmel il-Qorti hu, li tevalwa l-proċess li għamel l-intimat Korp fid-dawl tal-liġijiet li mxiet fuqhom. Trid tiskopri, jekk dan il-proċess u multi hekk imsemmija amministrattivi humiex fil-fatt jimmaskeraw proċess li fis-sustanza huwa wieħed ta' natura penali u mhux sempliċiment amministrattiv.

**50.** Issa l-funzjoni tal-intimat Korp hija determinata minn artikolu 16 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u fost oħrajn jiddisponi hekk: "*16.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att u mingħajr preġudizzju għal kull poter ieħor jew funzjoni oħra mogħtija lilu b'dan l-Att jew minn xi liġi oħra, il-Korp ikun responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled money laundering u finanzjar ta' terroriżmu umingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmigħandu b'mod partikolari jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin..*"

Issa definizzjoni ta' money laundering hija din:

*"(i) il-konversjoni jew trasferiment ta proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni <u>f'attività kriminali</u>, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini*

*tal-proprjetà jew ta' għoti ta'għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;*

*(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun nkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta'parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;*

*(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;".*

**51.** Din il-Qorti ħasset li kellha tiċċita dan il-bran tal-liġi i*n extenso,* propju biex jinftiehem ir-raġunament tagħha għal dak li ser jingħad. Jirrisulta li d-

definizzjoni tal-liġi ta' money laundering għalhekk tapplika bl-istess mod, kemm fil-każ ta' proċeduri quddiem Qorti tal-Maġistrati taħt Taqsima I tal-liġi, u kif ukoll għall-Korp taħt Taqsima II, liema Korp huwa inkarigat li jagħmel l-analiżi li twasslu għal pieni amministrattivi li jistgħu jammontaw sa ħames miljun ewro skond regolament 21(4) tal-L.S 373.01. Addirittura l-pieni amministrattivi huma aktar pesanti minn dawk li jistgħu jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati skont artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Min fassal id-direttiva 2015/863 kien konsapevoli li jista jkollok effetti koċentriċi (*overlapping*) bejn il-multi amministrattivi u dawk rejalment penali. Mhux biss b'dak li ngħad aktar 'l fuq iżda ukoll meta din id-direttiva.

**52.** Tajjeb li jkun osservat li l-proviso tal-artiklu 58(2) tad-direttiva jipprovdi li "*L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi għal ksur li jkun soġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi kriminali*".

**53.** Anke hawn hemm ix-xewqa li ma jkunx hemm dupliċita' tal-proċeduri billi multi amministrattivi ma jiġux imposti meta hemm proċeduri penali quddiem Qorti li jipprovdu għall-ksur tal-liġi tal-ħasil tal-flus. Issa taħt ir-reġim tal-liġijiet ta' pajjiżna insibu li hemm rejati penali taħt Taqsima I tal-Kap 373 u fil-Kodiċi Kriminali minn art 23A 'l quddiem. Minkejja dan, imbierka s-sapjenza t'Alla, daħħalna ukoll il-multi amministrattivi li kif rajna, ma huma amministrattivi xejn, iżda ta' natura penali.

**54.** Stabbilit li dawn il-multi huma ta' natura penali huwa għalhekk konsegwenzjali li dawn jistgħu biss ikunu immessi minn organu li jgawdi s-salvagwardji li trid kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni. F'dan il-każ dawn qegħdin ikunu immessi mill-intimat Korp. Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk dan il-Korp igawdix minn dawn is-salvagwardji.

**55.** Artikolu 13A(1) tal-Kap 373 "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu".* (Emfażi tal-Qorti). Fil-fatt dan l-appell jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

**56.** Minn hawn joħroġ ċar, li l-fatt li jesisti appell mill-multi amministrattivi kif immessi mill-intimat Korp ifsser, li dan l-istess Korp iqis lilu nnifsu bħal organu aġġudikattiv. Ma jista' qatt ikollok appell jekk mhux minn organu bħal dan.

**57.** Stabbilit li r-rikorrent kien effettivament qiegħed jiffaċċja proċeduri ta' natura kriminali maskerati bħala amministrattivi, jmiss issa li jiġi kkunsidrat jekk il-Korp huwiex Awtorita' indipendenti u imparzjali fit-termini ta' dak li jridu l-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament u li għalhekk huwa f'posizzjoni li jimmetti dawn ix-xorta ta' pieni.

**58.** Jibda biex jingħad mill-ewwel, li dak li jinteressa lil din il-Qorti mhux wisq is-sustanza tal-akkuża, iżda jekk jesistux is-salvagwardji proċedurali li jippermettu smiegħ xieraq. Dwar kif isir il-proċess, il-Qorti spigolat is-segwenti proċeduri:

Il-pubbliku ma jistax jattendi tul il-proċess, imma agħar minn hekk, l-anqas is-Subject Person ma jattendi. Pero', meta s-Subject Person jitlob li jiltaqa' mal-Kumitat, jidher li qatt ma ġiet miċħuda it-talba. Jidher li dan isir b'konċessjoni u mhux għaliex jesisti dritt fil-liġi.

**59.** F'din il-proċedura l-anqas ma jkun hemm min jiddefendi l-posizzjoni tas-SP waqt id-determinazzjonijiet saljenti tal-proċess. Jekk ma jkun hemmx qbil mas-sottomissjonijiet tas-SP ħadd ma jibgħat għalih biex jiċċara jew jispjega. Meta jiltaqa' l-Kumitat biex jiddeċiedi dwar il-multa fost in-nies li jkunu presenti, ikun hemm impjegati tal-FIAU u l-SP ma jkunx presenti. B'dana li r-rapport tas-CMC huwa wieħed intern u cioe' "*an internal working paper intended to assist enforcement officials in better preparing for the presentation of the case to the CMC*" (a' fol 165 para 4.1 Compliance Monitoring Committee Governing Principle and and Framework). Li SB għandu dritt jitlob laqgħa mas-CMC ma hiex fil-liġi. Dan ifisser li hija konċessjoni u diskrezzjonali, anke jekk sa issa jidher li dejjem intlaqat, għax wara kollox hekk tiddetta r-raġuni. Iżda dan id-dettam ma hux imnaqqax fl-irħam. Dan ifisser li jiddependi mill-arbitriju tal-Korp jilqax talbiet ta' din ix-xorta.

**60.** Is-sanctions policy li jimxi fuqha l-Compliance Monitoring Committee (CMC) ma hiex pubblika (ara a' fol 109). Il-multa hija ġenerata fuq percentage weight li tapplika għall-allegat ksur, pero' l-kumitat jara l-gwida li tagħtu din u li tissejjaħ tool u jikkonsidra jekk hiex ġustifikata. Dan ovvjament isir mingħajr ma' s-SP ma jkollu dritt li jagħmel rappresentazzjonijiet dwar il-quantum tal-multa kif fuq spjegat.

**61.** Jekk xi membru jkollu xi konflitt ta' interess għandu jiddikjara dan il-konflitt u jieqaf milli jkompli jipparteċipa fil-proċess. Imma is-SP mhux ser ikun f'posizzjoni li jqanqal il-konflitt għaliex mhux ser ikun presenti. Di piu' artikolu 39 tal-Kap 373 jiddisponi li "*Il-profitti kollha li jiġu realizzati mill-Korp għandhom jitqegħdu ġewwa fond ta' riserva li għandu jintuża għal dawk il-finijiet hekk kif il-Korp jista' jqis li jkun meħtieġ biex ikun jista 'jwettaq il-miri tal-Korp innifsu, inkluż il-ħlas lura tal-passiv li jista' jkun hemm*". Dan anke jirrisulta minn mistoqsija Parlamentari li ġiet esebita fil-kors ta' dawn il-proċeduri (a' fol 159).

**62.** Meta l-Qorti qieset sewwa l-provi, jirrisultalha li fid-dawl ta' multi tant pesanti, il-proċess kollu huwa nieqes minn dawk is-salvagwardji li jridu l-artikoli tal-Kostituzzjoni imsemmija. Għalhekk dawn il-liġijiet, għalkemm tassew esiġenza ta' trattati internazzjonali, wara li d-dinja waqgħet f'kaos finanzjarju, il-Qorti tfakkar dak li jiddisponi l-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni:

"*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati*

*tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti: bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."*

**63.** Għalhekk huwa ndubitat li kwalunkwe liġi, anke jekk imnissla minn trattati internazzjonali, inkluż direttivi u regolament frott tat-Trattat ta' Greċja, jekk dawn ikunu kuntrarju għad-drittijiet fundamentali ma huma ser isibu ebda ħajt ta' kenn f'dawn il-Qrati.

**64.** Imma meta din il-Qorti kkuntrastat id-drittijiet li għandha persuna quddiem Qorti bis-salvagwardji jidher ċar li min ikun qiegħed jiġi investigat għandu telgħa wieqfa ħafna u dan kontra dak li trid sistema ta' kontradittoria (adversarial). Ma hemm xejn li huwa pubbliku, l-anqas Sentenza tal-Qorti tal-Appell (ara art 13 tal-Kap 373).

**65.** Kif ġie osservat "*The right to a fair trial supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle which applies to both civil and criminal proceedings, require each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent"* (**Vide Harris, O'Boyle and Warbrick opr cit pg 414**).

**66.** Issa bir-rispett kollu, din il-Qorti, bil-mod kif inhi imfassla l-liġi, bil-mod kif jiġu kondotti l-investigazzjonijiet u bil-mod kif tiġi formulata l-piena, tilmaħ kollox minbarra parita' ta' armi fis-sens kif trid sistema ta' kontradittorja. Jekk ma tridx, l-impjegati tal-intimat Korp, huma imħallsa

minnu u li s-sistema kollha hija awto finanzjata, tant li skont kif tgħid il-liġi (supra) mill-profitti. Il-profitti, kjarament ġejjin fost oħrajn minn dawn il-pieni. Interess ċar u dirett daqshekk ma jistax ikollok fl-imposizzjoni tal-multi. Fuq mistoqsija Parlamentari, il-Ministru għall-Finanzi wieġeb li l-pagamenti tal-multi amministrattivi maħruġa mill-FIAU jintużaw għall-operat tal-FIAU. (a' fol 159).

**67.** Dan żgur ma jawgura xejn tajjeb għat-test oġġettiv tal-imparzjalita' tal-organu li għandu jiġġudika. Huwa prinċipju kardinali li min jissejjaħ biex jgħaddi ġudizzju ma għandux ikollu r-remunerazzjoni tiegħu, jekk mhux minn sorsi indipendenti u mingħajr ebda konnessjoni ma' materja li jrid jiddeċiedi dwarha. Il-Qorti appositament qegħdha tagħmel referenza għall-materja u mhux neċessarjament mal-każ partikulari li jkollha quddiemha.

**68.** Il-fatt li l-ħlas tal-Kumitat u tal-Korp ġejjin, jekk mhux kollha, in parti żgur, mill-pieni li jiġu prelevati, dan huwa fih innifsu prinċipju perikoluż u ċertament itebba' s-sens ta' imparzjalita' ta' min jiġi imsejjaħ biex jgħaddi ġudizzju. Għalhekk il-prinċipju anglosassonu ta' *Justice must only be done but must be seen to done*, li għandu tifsira aktar wisgħa u perswaživa minn kull prinċipju ieħor kontinentali fuq dan is-suġġett.

**69.** Dwar il-fatt li liġi tagħti d-dritt lir-rikorrent, appell mill-imposizzjoni tal-pieni, il-Qorti tagħmel tlett osservazzjonijet:

(i) L-ewwel il-fatt li hemm dan l-appell kif ġja rilevat, ifisser li kien hemm xi deċiżjoni ġejja minn xi Korp aġġudikattiv. Ma hemmx appelli jekk mhux

minn xi forma ta' Sentenza. Għalhekk, fil-waqt li kif rajna, l-istess liġi tagħmel emfażi li ma hemmx ħtieġa ta' seduta quddiem Qorti, fl-istess nifs tippermetti appell għal quddiem waħda mill-Qrati għoljin. Għalhekk huwa għal kollox kontrosens, li dan l-intervent tal-Qrati ma għandux ikun ukoll fl-istadju aktar bikri tal-proċess meta tkun qed tiġi imposta l-piena ġaladarba xorta jkun hemm possibilita' din is-seduta f'każ ta' appell. A skans ta' repetizzjoni ssir referenza għal dak li diġa' intqal aktar 'l fuq dwar din il-kwistjoni.

(ii) It-tieni, li għalkemm ir-rimedju jagħti dritt ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili bis-salvagwardji kollha li hija mgħonija bihom bil-Kostituzzjoni, fis-sewwa, din il-Qorti ma tarax li qiegħed jintlaħaq xi skop. Kif diġa' spjegat, din il-Qorti pjuttost tixbaħ Qorti ta' reviżjoni aktar milli ta' appell, għaliex il-kompetenza tagħha hija limitata għar-reviżjoni ta' pieni biss u mhux per eżempju għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi fuq kwistjonijiet li mhux neċessarjament marbuta ma' pieni.

(iii) It-tielet biex ikun jista' jissejjaħ appell dan irid ikun proċeduralment integru, fis-sens li l-persuna li qed tappella hija presunta li tkun ipparteċipat attivament bi dritt u mhux b'konċessjoni u bil-mezzi li tagħtiha il-liġi, mill-bidu sal-aħħar tal-proċess li wassal għas-Sentenza appellata. Kif rajna, dan huwa 'l bogħod mill-verita'.

**70.** Il-Qorti tinnota ukoll, li skond artikoli 18 u 19 tal-Kap 373, il-Korp huwa magħmul minn Bord. Jibda biex jiġi nnotat li dan "jżomm il-kariga tiegħu għal perjodu ta' ħames (5)snin u, meta jintemm iż-żmien tal-kariga

tiegħu, jista' jerġa' jiġi magħżul jew maħtur fuq il-Bord, u l-membri kollha tal-Bord għandhom jingħataw dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien". Fil-verita', fis-sentenzi li ltaqat magħhom din il-Qorti, ma jidhirx li hija ħtieġa sine qua non li jkun hemm minimu ta' perjodu speċifikat għaż-żamma ta' uffiċċju ta' Ġudikant. Imma li ġudikant ma jitneħħiex fil-perjodu li jkun qiegħed iservi huwa prinċipju korrollarju għall-indipendenza tiegħu. Għalhekk jista' jkollok sitwazzjoni, fejn persuna tkun maħtura għall-perjodu partikulari. B'daqshekk mhux bil-fors huwa ħażin. Iżda il-problema tqum, meta dan il-perjodu ikun jista' jiġi mġedded, peress li sitwazzjoni bħal din tista' isservi ta' karrotta istituzzjonali. Per eżempju, fil-każ ta' Kap 555 tal-liġijiet ta' Malta li jittratta l-Liġi tal-Arbitru Dwar is-Servizzi Finanzjarji tagħmilha ċara f'artikolu 15.(1) li "*L-Arbitru għandu jżomm il-kariga għal perjodu ta' seba' snin li warajh* m'għandux *ikun eliġibbli li jerġa' jinħatar*". Similment art 4(5) tal-Liġi Dwar it-Talbiet iż-Żgħar, Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*Il-ġudikaturi jinħatru għal żmien ħames snin u, meta jiskadilhom iż-żmien, ma jkunux eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura".*

**71.** Jidher li hemm raġuni għalfejn għal dan f'dawn il-liġijiet. Għaliex hija ħatra ta' min huwa imsejjaħ biex jiddeċiedi dwar dritt. Ara fil-każ tal-Liġi dwar l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji, il-membri maħtura fil-Bord huma eliġibbli li jkollhom il-kariga tagħhom imġedda, imma dan għaliex ma jispettax lilhom jiddeċiedu l-każijiet li jiġi quddiem l-Arbitru, li fil-funzjoni aġġudikatriċi tiegħu huwa indipendenti mill-Bord. Imma fil-każ li għandha

quddiemha din il-Qorti, huwa l-Korp li jiddeċiedi u b'dana kollu ma hemm ebda salvagwardja kif hemm fil-liġijiet appena imsemmija.

**72.** Imma xorta jiddependi miċ-ċirkostanzi. Per eżempju fil-każ tal-ħatra ta' Imħallef internazzjonali fuq rejati tal-gwerra, iż-żmien taż-żamma tal-ħatra għal sentejn kienet meqjusa tajba, imma għaliex il-ħtieġa kienet għal kwistjoni temporanja u li ergo jfisser li jekk ma tkunx waħda hekk ma hiex konformi mal-liġi (ara **Maktouf and Damjanović v. Bosnia and Herzegovina [GC], 2013, § 51**).

**73.** Imma fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, iċ-ċirkostanzi altru milli huma temporanji iżda kontinwi u "*on going*", tant li dawn il-Qrati ta' kuljum ikollhom jiddeċiedu dwar vertenzi ta' din ix-xorta, bħal ma l-istess ma humiex temporanji l-każijiet li jiġu quddiem l-Arbitru jew ġudikanti tat-Talbiet Żgħar. Il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament manifestament ma kienux imfassla għal materja temporanja.

**74.** Għalhekk minn dan l-aspett, il-Korp huwa wkoll mankanti fl-indipendenza tiegħu għaliex ma għandux ħatra fissa iżda waħda li tista' tkun prorogabbli, li ma hija ħaġa xejn sewwa. Kwantu għar-remunerazzjoni tal-Korp, diġa' saru d-debiti osservazzjonijiet aktar 'l fuq.

**75.** Jiġi ukoll osservat li l-*Compliance Monitoring Committee* huwa l-organu li jifformula l-kwantum tas-sanzjonijiet. Dan ma hux Kumitat imwaqqaf ad hoc mil-Liġi nnifisha, iżda huwa parti mill-Korp u imwaqqaf internament minnu. Dan il-kumitat huwa fost oħrajn maħsub "*to comprise*

*financial administrative penalties, follow up and remediation directives, written reprimands, and any administrative actions that FIAU through the CMC may undertake or impose in terms of Law.”*.

**76.** Fost il-membri li jikkomponuh insibu, lill-Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Korp u kif ukoll rappresentanti tas-sezzjoni tal-infurzar u Direttur, li ma hux ċar jekk hux dak maħtur li jaġixxi ta’ Direttur tal-Korp bis-saħħa tal-artikolu 23 tal-Kap 373. Issibha diffiċli li kif qatt jista’ jkun ma tqis lil min jinvestiga u għandu ukoll subgħajh fil-formulazzjoni tal-breaches u pieni, li huwa ħieles minn bias, għall-fatt biss li kien hu li għamel jew kien reponsabbli għall-investigazzjoni. Għalhekk tinħoloq krejatura istutuzzjonali li sa issa qatt ma rajna bħala għaliex fiha hemm miġbura l-elementi ta’ investigazzjoni, imposizzjoni ta’ pieni u ġudikanti fl-istes ħin.

<u>*Art 39(8) u art 7 tal-Kostituzzjoni ul-Konvenzjoni rispettivament*</u>

**77.** Issa artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li “ *Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta’ reat kriminali minħabba f’xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak,”* u artikolu 7 korrispondenti tal-Konvenzjoni jgħid hekk “*Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta’ reat kriminali minħabba f’xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun*”.

**78.** Issa fis-Sentenza fl-ismijiet **Camilleri -vs- Malta tat-22 ta’ Jannar 2013, para 34-35 tal-ECHR** intqal li: “*The guarantee enshrined in Article 7*

*should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime* *<u>and prescribe a penalty</u>* *(nullum crimen nulla poena sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 September 2009)".* (Ara ukoll **Varvara v Italy 17475/09, G.I.E.M S.R.I. and Others v Italy**).

**79.** Il-Qorti eżaminat id-dokumenti tal-proċess ta' kif l-intimat Korp wasal għall-imposizzjoni tal-piena amministrattiva. Kif qatt jista' jkun, b'kull tiġbid tal-immaġinazzjoni, li dak li jkun jasal għall-konklużjoni li din hija piena "*clearly defined by law". Din ma hiex piena prestabbilta'*, magħrufa jew tista' tkun magħrufa, iżda maħduma wara, b'kull każ differenti. Għalhekk kif qatt jista' jingħad li hemm il-previdibbilta' tal-piena! Di piu kif diġa' rilevat t-tool of sanctions hija maħduma fuq policies li joħroġ l-Intimat Korp u mhux minn xi liġi. F'dan ir-rigward Dr. Helen Tabone tgħid "*li din ma hiex ligi, izda policy tal-FIAU li timplimenta il-ligi li hemm. Issa peress li din hija policy, ikun hemm il-Bord of Governors li tapprovaha*"(a' fol 170).

**80.** Kważi kważi l-intimat Korp saħansitra jarroga għalih innifsu anke s-setgħa leġislattiva. Issa il-prinċipju *nullum crimen sine lege* japplika ukoll

għal nullum *poena sine lege*. Issa huwa ċar għal kull min għandu għajnejh f'wiċċu li dawn il-pieni ma huma pieni għal kollox illegali għaliex *stricto iure* ma humiex sanzjonati minn xi liġi u l-liġi ssaltan fuq kulħadd u mhux fuq xi uħud. Dan japplika wkoll anke jekk il-liġi prinċipali tagħti setgħa lill-intimat Korp, dawn il-policies daqstant determinanti fil-fissazzjoni fil-quantum tal-multi.

**81.** Fil-mument tal-investigazzjoni l-anqas l-intimat Korp ma jkun għadu jaf kemm ser tkun din il-multa, meta fil-każ ta' Qorti il-pieni huma magħrufa aprijoristikament mill-Ġudikant. Di piu' huwa ukoll importanti li l-Qorti tfakkar, li l-istess *sanctions policy* tal-intimat Korp kjarament u mingħajr tlaqliq jgħidu li "*administrative penalties are important punitive measures* *that may be imposed by the CMC for breaches of lawfull requirements, orders, directives envisaged under the PMLA or PMLFTR*" (Emfażi tal-Qorti).

**82.** Anke l-guidelines dwar artiklu 7 jagħmluha ċara li: *"An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it and after taking appropriate legal advice, what acts and/or omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act committed and/or omission (Cantoni v. France, § 29; Kafkaris v. Cyprus [GC], § 140; Del Río Prada v. Spain [GC], § 79). The concept of "appropriate advice" refers to the possibility of taking legal advice (Chauvy and Others v. France (dec.); Jorgic v. Germany, § 113). It follows that in principle, there can only be a*

*"penalty" within the meaning of Article 7 if an element of personal liability has been established in respect of the perpetrator of the offence. <u>There is a clear correlation between the degree of foreseeability of a criminal-law provision and the personal liability of the offender</u>. Thus Article 7 requires a mental link disclosing an element of liability in the conduct of the actual perpetrator of the offence if a penalty is to be imposed (G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy (merits) [GC], §§ 242 and 246). There may, however, be certain forms of objective liability stemming from presumptions of liability, provided they comply with the Convention, particularly Article 6 § 2 (ibid., § 243)"* (emfażi tal-Qorti).

**83.** Għalhekk il-Qorti taqbel mat-tagħlim tas-Sentenza imsemmija ta' Camilleri (supra) u qed tagħmlu tagħha. Dan ifisser, li anke fid-dawl tar-raġjunament aktar 'l fuq, din il-Qorti ser issib li tassew kien hemm il-ksur tal-artikoli 39(8) u artikolu 7(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

**84.** Stabbilit li r-rikorrent kien effettivament qiegħed jiffaċċja proċeduri ta' natura kriminali maskerati bħala amministrattivi, jmiss issa li jiġi kkunsidrat jekk il-Korp huwiex Awtorita' indipendenti u imparzjali fit-termini ta' dak li jridu l-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament u li għalhekk huwa f'posizzjoni li jimmetti dawn ix-xorta ta' pieni.

**85.** Jibda biex jingħad mill-ewwel li dak li jinteressa lil din il-Qorti mhux wisq is-sustanza tal-akkuża, iżda jekk jissusistux is-salvagwardji

proċedurali li jippermettu smiegħ xieraq. Dwar kif isir il-proċess, il-Qorti spigolat is-segwenti proċeduri:

**86.** Il-pubbliku ma jistax jattendi tul il-proċess, imma agħar minn hekk, lanqas is-Subject Person ma jattendi. Pero', meta s-Subject Person jitlob li jiltaqa' mal-Kumitat, qatt ma ġiet miċħuda it-talba. Pero' dan isir b'konċessjoni u mhux għaliex jesisti dritt fil-liġi. Iġifieri nieqes għal kollox l-element tal-pubbliċita' tal-proċess.

**87.** F'din il-proċedura l-anqas ma jkun hemm min jiddefendi l-posizzjoni tas-SP waqt id-determinazzjonijiet saljenti tal-proċess. Jekk ma jkun hemmx qbil mas-sottomissjonijiet tas-SP ħadd ma jibgħat għalih biex jiċċara jew jispjega. Meta jiltaqa' il-Kumitat biex jiddeċiedi dwar il-multa n-nies li jkunu presenti fost oħrajn, ikunu huma impjegati tal-FIAU u SP ma jkunx presenti. B'dana li r-rapport tas-CMC huwa wieħed intern u cioe' "*an internal working paper intended to assist enforcement officials in better preparing for the presentation of the case to the CMC*" (Ara para 4.1 Compliance Monitoring Committee Governing Principle and and Framework). Li SB jitlob laqgħa mas-CMC ma hiex fil-liġi. Dan ifisser li hija konċessjoni u diskrezzjonali, anke jekk talba bħal din dejjem sa issa jidher li intlaqat, għax wara kollox hekk tiddetta r-raġuni, għalkemm dan id-dettam ma hux imnaqqax fl-irħam. Dan ifisser li jiddependi mill-arbitriju tal-Korp jilqax talbiet ta' din ix-xorta.

**88.** Is-sanctions policy li jimxi fuqha l-Compliance Monitoring Committee (CMC) ma hiex pubblika (a' fol 156 tergo). Il-multa hija ġenerata fuq

percentage weight li tapplika għall-allegat ksur, pero' l-kumitat jara l-gwida li tagħtu din u li tissejjaħ tool u jikkonsidra jekk hiex ġustifikata. Dan ovvjament isir mingħajr ma' s-SP ma jkollu dritt li jagħmel rappresentazzjonijiet dwar il-quantum tal-multa kif fuq spjegat.

**89.** Tgħid x'tgħid id-direttiva tal-EU u għidu x'għidu d-dokumenti interni jew anke jekk magħrufa tal-intimat Korp, din il-Qorti hija aktar minn konvinta, li dak kollu li qiegħed isir huwa bi ksur tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Biex dak li jkun jasal għall-oġġettiv tajjeb la għandu għalfejn ikun opak u wisq anqas bio ksur tad-drittijiet fundamentali.

**90.** Bħal f'okkażjonijiet oħra li kellha quddiemha, din il-Qorti tifhem, li ma hemm xejn ħażin li jingħata l-poter lill-Korp intimat sabiex jimponi pieni amministrattivi. Pero' sakemm dawn ikunu veru jistgħu jitqiesu amministrattivi, fil-limiti tar-raġjonevolezza, iċ-ċertezza tal-liġi u kif ukoll konformi mad-dettami tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni. F'dan il-każ ma jkun hemm xejn ħażin.

**91.** Li hemm ħażin meta l-mod u l-mezz kif jiġu adoperati dawn il-liġijiet ma jsirx b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti** u tiddikjara li l-Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373

tal-Liġijiet ta'Malta), kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha li tingħata smiegħ xieraq *ai termini* tas-subartikoli (1), (5) u (6) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali.

**Tilqa' it-tieni talba rikorrenti** u tiddikjara li l-Artikolu 13, u/jew l-Artikolu 13A, u/jew l-Artikolu 13B tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll ir-Regolament 21 ta-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjament ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01), fihom infushom, individwalment jew kollettivament, u/jew b'konsegwenza tat-tħaddim jew tal-applikazzjoni tagħhom fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, diġà sarrfu u/jew se jsarrfu, f'leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba rikorrenti** fid-dawl tar-rimedju li qed jingħata b'din is-Sentenza.

**Tilqa' ir-raba talba** rikorrenti billi tiddikjara li l-proċeduri li ittieħdu kontra is-Soċjeta' rikorrenti huma nulli u għalhekk tħassar l-avviż tal-14 ta'Jannar 2022 (Dok OASL1) u kif ukoll kull piena mogħtija b'dana li jekk din laħqet tħallset qed tikkundanna lill-intimat Korp jirrifondiha lura.

**Tilqa' il-ħames talba** u tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) u tikkundanna lill-intimati iħallsu solidalment bejniethom lis-Soċjeta' rikorrenti bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes a' karigu tal-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**